MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 306/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Polidano Brothers Limited (C8884) u MTF Bonanno Limited (C9350)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm682.17) in konnessjoni ma' hsarat minnhom ikkagunati f'Tas Sliema.**
**Illi interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas il-konvenuti baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd. Prezentata fis-17 ta' Frar, 2005 fejn**

**intqal illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta` attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta` Polidano Brothers Ltd. stante li l-istess socjeta` ma kkagunat l-ebda hsara fil-post u l-granet indikati fl-avviz.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` MTF Bonanno Limited prezentata fis-27 ta' Gunju, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.**
**Is-socjeta` esponenti tichad illi hija b'xi mod responsabbli ghal xi hsara allegatament sofferta mis-socjeta` attrici.**
**L-avviz promotur ma jitlobx lit-Tribunal sabiuex jiddeciedi un jikkundanna r-responsabbilita` tal-konvenuti jew min minnhom.**
**Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux gustifikat.**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Ra l-affidavits ta' Dr. Keith Grech, Victor Busuttil, Anthony Grech, Ing. Ronald Cuschieri, Ray Cachia u Ing. Joseph Mary Pace. Semgha x-xhieda ta' PS1181 Eugenio Caruana, il-Perit Alfred Grech, Stephen Tonna u Anthony Bonanno. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz jirrigwarda danni kagunati f'cables tas-socjeta` attrici f'Tas-Sliema fit-13 t'Awissu, 2002. Il-cable milqut huwa indikat fid-Dok.A1 sa A3 esebiti.**
**2. Victor Busuttil, Senior Technical Officer mas-socjeta` attrici, spjega li l-cables in kwistjoni kienu jinsabu fix-Xatt tas-Sliema, u jghid li l-hsara grat minn kuntratturi li kienu qed jahdmu fuq it-twaqqiegh tal-bini Alhambra. Jghid ukoll li s-socjeta` atttrici ma kienet giet mitluba biex timmarka fejn hemm cables.**
**3. Dana huwa bazikament konfermat ukoll mill-Inginier Ronald Cuschieri u minn Anthony Grech,**

**impjegati tas-socjeta` attrici.Inoltre l-istess Inginier Cuschieri jindika u jispjega l-ammont ta' danni li garrbet is-socjeta` attrici fl-ammont mitlub fl-avviz.**
**4. PS1181 Eugenio Sciberras li ghamel ir-rapport dwar l-akkadut, jghid li fil-post fejn sehh l-incident il-kuntratturi principali kienu Polidano Bros. u MTF Bonanno.**
**5. Il-Perit Alfred Grech, Project Manager tax-xogholijiet li kienu qed isiru, spjega li MTF BOnanno kienu responsabbli ghat-twaqqigh tal-istruttura minn gewwa, filwaqt li Polidano Bros. kien responsabbli ghall-binja. Il-Perit indioka li minbarra Polidano Bros. u MTF Bonanno, kien hemm kuntratturi ohra, bhal dawk responsabbli ghall-airconditioning. Il_perit qal li sa fejn jaf hu MTF Bonanno kienu lestew ix-xoghol ta' twaqqigh intern ghall-habta ta' Mejju, 2002. Jirrizulta li Polidano fiz-zmien li inqata il-cable kien qed jahdem fuq gewwa u kien idahhal crane u trukkijiet.**
**6. Jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Stephen Tonna li waqt li kienu qed jahdmu Polidano Bros ma kienx hemm kuntratturi ohra.**
**7. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal, jirrizulta li l-hsara li saret ma setghetx grat minhabba MTF Bonanno, izda jirrizulta pruvat li fiz-zmien in kwistjoni is-socjeta Polidano Brothers Limited kienet ghada ghaddejja bix-xogholijiet, u kienu jidhlu trukkijiet u crane minn fejn kien hem mit-terrapien. Ghalhekk huwa verosimili li l-hsara fil-cable grat unikament tort tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers, li konsegwentement ghandha tirrispondi ghad-danni fil-cable.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilllibera lis-socjeta` MTF Bonanno Limited mill-osservanza tal-gudizzju, u jsib lis-socjeta` Polidano Brothers Limited unikament responsabbli ghall-hsarat li garrbet is-socjeta` attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` Polidano Brothers Limited ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm682.17) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` Polidano Brothers Limited.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------